MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2009

Numru. 180/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR IAN J. ABDILLA**

**KONTRA**

**GIOVANNI BATTISTA PANTALLERESCO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Giovanni Battista Pantalleresco ta' 51 sena, bin il- mejjet Paul u Giovanna nee' Borg, imwieled Gzira, nhar l- 4 ta' Dicembru 1957, residenti fil- fond Numru 117, Triq ir-Rebha, Gzira u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 797357(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli nhar il- Hadd 15 ta' Frar 2009, gewwa l- Belt Valletta u f'postijiet ohra gewwa dawn il- Gzejjer:

1) iffalsifika jew biddel, minghajr il- kunsens tas- sid, l- ismijiet, il- marki jew is- sinjali distinsivi tax- xoghol tal-mohh, jew tal- prodott ta' industrija jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l- ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas- sid jew;

2) ghamel uzu, xjentement ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix- xorta tal- merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il- marka, sinjal jew emblema jew;

3) xjentement qieghed fic- cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall- biegh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq

4) u cioe b'diversi DVDs b'films

5) u aktar talli fl- istess dari, loklitajiet u cirkustanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew bix jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal- jeddijiet li johorgu mid- drittijiet ta' l- awtru li jkollha persuna ohra u protetti bil- Ligi ta' Malta jew tahta

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib htija fl-imputat u taghti l-piena ghar-reat imwettaq. Ir-reati imputati huma fihom infushom komprizi u involuti, u ghalhekk ghandu jkun hemm assorbiment tal-piena. Il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw dwar l-imgieba tal-imputat fl-istadju tal-investigazzjoni, u dwar il-motivazzjoni wara l-kommissjoni ta' dan ir-reat. Di fatti l-partijiet qablu li ghandu jkun hemm sanzjoni fil-komunita' kontra l-imputat, u l-konfiska tal-oggetti kkupjati minnu. Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat, u ghalhekk il-piena sejra tkun wahda ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 298 (1) (a), (c) u (f) u 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.
Il- Qorti tordna konfiska tal- oggetti esebiti.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------